# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 882/2017 MH**

**Illum, 29 ta' April, 2019**

**Helenio Grech, detentur tal-karta tal-identita numru 385370M u martu Michelle Grech, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 26875M**

**vs**

**Francis Saliba, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 291489M**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-atturi tas-27 ta' Settembru 2017** li permezz tiegħu esponew:

*"1. Ir-rikorrenti Helenio Grech u martu Michelle Grech jafu lill-intimat, bħala r-raġel tal-kuġina tar-rikorrenti li jaħdem bħala driver;*

*2. Ir-rikorrenti kienu f'xi drabi fil-passat għaddew somom ta' flus lill-intimati sabiex, l-intimat Francis Saliba jkun jista' jġib minn barra minn Malta*

*vetturi għalihom, di fatti huma kienu diġa taw somma flus lill-intimat u huwa ġabilhom żewġ vetturi u caravan;*

*3. Michelle Grech, ir-rikorrenti, ftehmet mal-intimat Francis Salib sabiex inizzel vettura oħra, li kellha tkun sorpiża għar-rikorrenti Helenio Grech, fl-okkażjoni ta' egħluq sninu, din il-vettura kellha tkun tal-marka BMW u kellha tinġieb mill-intimat Saliba mill-Ingilterra sa' Malta, kien f'dan il-punt li sabiex jiġu spediti l-affarijiet u n-negozjati l-istess Helenio Grech beda l-innegozzjar tal-karozza wkoll, flimkien ma' Michelle Grech;*

*4. Ir-rikorrenti apparti s-somma ta' sittax-il elf, tlett mija u ħamsa u tmenin ewro (€16,385) rappreżentanti l-vettura hawn imsemmija, u xi spejjeż oħra ancillari marbutin mal-bejgħ u tiswija tagħha, taw anke somma oħra ta' flus fl-ammont ta' ħames elef, tlett mija u tmienja u disgħin ewro (€5,398) lill-intimat bħala self brevi manu;*

*5. In total, għalhekk għaddiet għand l-intimat mingħand ir-rikorrenti s-somma totali dovuta ta' €22,195 u ċioe` l-ammonti rappreżentanti self brevi manu ta' €5,398 u interessi fuq dan l-ammont bir-rata ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) mid-29 ta' Mejju tas-sena 2012 sad-29 ta' Ottubru tas-sena 2012, li għalhekk iwasslu għall-ammont totali ta' €5,544 u kif ukoll is-somma li tirrapreżenta €16,385 prezz ta' vettura tal-marka BMW u spejjeż ancillari oħra kif deskritt, li l-esponenti ħallas lill-intimat sabiex tinġieb mill-Ingilterra u interessi fuq dan l-ammont bir-rata ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) mill-1 ta' Awwissu tas-sena 2012 sal-1 ta' Novembru tas-sena 2012, li imbagħad in total iwasslu għas-somma ta' sittax il-elf, sitt mija u wieħed u ħamsin ewro (€16,651);*

*6. L-intimat Francis Saliba naqas li jġib miegħu l-vettura mill-Ingilterra kif miftiehem bejn il-kontendenti partijiet, iżda l-ammont ta' flus li ngħata sabiex jixtri din il-vettura baqa' ma rritornahx lura. Il-verzjoni tal-intimat kienet li l-vettura fil-fatt inxtrat kif kien miftiehem iżda dina weħlet id-dwana l-Ingilterra u qatt ma waslet Malta, minkejja dan l-intimat qatt ma sustanzja l-verżjoni tiegħu b'fatti;*

*7. In oltre, l-ammont ta' €5,544 misluf bl-interessi kif ġia spjegat qatt ma tħallas lura lir-rikorrenti u għalhekk anke din is-somma għadha dovuta lilhom;*

*8. Tenut kont din l-inadempjenza r-rikorrenti Helenio Grech iffirma żewġ skritturi privati mal-intimat Francis Saliba, sabiex jikkanonizza dan id-dejn u fl-istess skritturi privati l-intimat Francis Saliba jiddikjara lilu nnifsu bħala debitur ċert u likwidu f'dawn l-ammonti. Sib anness u mmarkat żewġ skritturi privati datata 29 ta' Ottubru tas-sena 2012, hawn immarkati bħala Dok. "A" u Dok. "B";*

*9. A baċi ta' dawn l-iskritturi privati, l-intimat Francis Saliba kellu jivversa is-somma totali ta' €22,195 sal-15 ta' Novembru 2012, u fin-nuqqas li jiġri dan, kellu jibda jiddekorri imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) sa ma titħallas is-somma kollha;*

*11. L-intimat wara li kkommetta ruħu fuq l-iskritturi privati, ħallas f'Marzu tas-sena 2013 is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000);*

*10. L-aħħar ħlas a favur ir-rikorrenti da parti tal-intimat Francis Saliba sar fl-Lulju tas-sena 2013, fl-ammont ta' elf ewro ieħor ( €1,000) bil-bilanċ dovut lilu, kif aċċettat mill-intimat Francis Saliba, ikun dak issa fil-preżent ta' tnejn u għoxrin elf, Sitt mija erbgħa u erbgħin (€22,644);*

*11. Minkejja diversi interpellazzjonijiet, anke b'ittri legali bonarji, il-konvenut baqa' inadempjenti u l-ammont dovut baqa' mhux saldat;*

*12. Fil-fehma tal-esponenti, is-somma globali ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro (€22,644) hija ċerta, likwida u dovuta u l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq għall-ħlas ta' dan id-debitu;*

*13. Helenio Grech (K.I.Nru. 385370M) jaf personalment b'dawn il-fatti;*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.*

*Talbiet:*

***Jgħid ghalhekk l-intimat 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

*1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro (€22,644).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1408/2017, li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, flimkien*

*mal-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **in-Nota tal-konvenut tal-1 ta' Diċembru 2017**[1] **ai termini tal-artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex juri li għandu difiża għat-talbiet attriċi.

Rat illi waqt **is-seduta tal-1 ta' Diċembru 2017**[2] deher il-konvenut assistit mill-avukat u wara li ta x-xhieda tiegħu[3] u semgħet trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet[4] akkordat terminu ta' 20 jum lill-konvenut sabiex iressaq risposta ġuramentata.

Rat illi waqt **is-seduta tas-16 ta' Frar 2018**[5] deher id-difensur tal-konvenut li rrinunzja għall-patroċinju tiegħu peress li l-istess konvenut ma marx jaħlef ir-risposta ġuramentata[6].

Rat illi l-konvenut baqa' ma ppreżenta ebda risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa.

Rat illi l-kawża baqgħet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jitlobu r-rifużjoni ta' ħlasijiet li kienu vversaw lill-konvenut in parte għal xiri ta' vettura mill-esteru għalihom u

---

[1] Fol 25 et seq
[2] Fol 24
[3] Fol 27 et seq
[4] Fol 32 et seq
[5] Fol 35
[6] Nota a fol 36

in parte bħala self *brevi manu*. Huma jikkontendu li l-vettura msemmija baqgħet ma ngibitx minn barra u l-ammont misluf baqa' qatt ma tħallas. Nonostante li l-konvenut irrikonoxxa tali debitu anke permezz skritturi privati huwa rrifonda biss parti mill-ammont dovut u dwar il-bilanċ rimanenti baqa' inadempjenti.

**PROVI**

1. Xehed l-**attur Helenio Grech** permezz t'affidavit[7] li qal li l-konvenut jiġi r-raġel tal-kuġina ta' martu. Huma kienu ltaqgħu miegħu f'diversi ġranet u ftehmu fuq prezzijiet speċifiċi marbuta ma' mportazzjoni ta' vetturi mill-Ingilterra għall-użu personali tagħhom u fil-fatt huwa kien diġa ġabilhom żewġ vetturi u caravan.

Darba minnhom martu l-attriċi laħqet bdiet titkellem mal-konvenut biex huwa jniżżel vettura BMW mill-Ingilterra bħala rigal għal għeluq sninu. Meta l-konvenut u l-attriċi bdew jiddiskutu l-flus għal dan l-arranġament, martu nfurmatu b'dan ir-rigal u l-intenzjoni tagħha u l-attur ukoll f'dak il-mument daħal fid-diskussjonijiet mal-konvenut dwar il-flus li riedu jitħallsu peress li l-ammont kien sostanzjali.

L-attur iddikjara li bejn wieħed u ieħor kien hemm qbil fuq il-prezz mal-konvenut rigward l-importazzjoni u x-xiri tal-vettura tal-marka BMW fejn dan kellu jitla' jara, jispezzjona u jixtri l-vettura mill-Ingilterra u jagħmel l-arranġamenti kollha biex iniżżel miegħu il-vettura hawn Malta fejn imbagħad il-konvenut kellu jinfurmah u b'hekk jgħaddilu l-pussess tal-vettura.

L-attur iddikjara li kien għadda s-somma ta' €16,651 lill-konvenut qabel ma' dan siefer lejn l-Ingilterra biex jixtri l-karozza kif maqbul bejn il-kontendenti. Dan il-prezz kien jirrappreżenta ħlas għax-xiri tal-karozza, xi tiswijiet li kellha bżonn, kif ukoll l-ispejjeż tal-importazzjoni.

[7] Fol 12 et seq

Inoltre l-atturi taw ukoll somma oħra ta' flus fl-ammont ta' €5,398 lill-konvenut bħala self *brevi manu*, hekk kif kien miftihem. Il-konvenut mar numru ta' drabi l-Ingilterra sabiex jara l-karozza, qabel ma' dan seta' jixtriha. L-ewwel il-konvenut infurmah li l-karozza kellha bżonn xi tiswija, u ftit wara infatti infurmah li din bdiet tissewwa u ħa jitla' għaliha dalwaqt, sabiex innizzilha Malta.

Huwa irritorna Malta iżda dan naqas milli jġib miegħu il-vettura kif kien miftiehem bejniethom. Is-somma in kwantu tal-vettura tal-marka 'BMW' u spejjeż oħra anċillari kif diġa' deskritti, kif ukoll is-somma rappreżentanti is-self *brevi manu* li huwa għadda lis-Sur Saliba baqa' ma rritornahx lilu anke wara li din il-vettura ma waslitx.

Il-konvenut infurmah li l-vettura kienet fil-verita' inxtrat kif kien miftiehem, pero' din weħlet id-dwana fl-Ingilterra u b'hekk qatt ma waslet Malta. Hu saqsa lill-konvenut jissustanzja il-verżjoni tiegħu pero' dan baqa' jgħid hekk mingħajr ebda tip ta' fatti. L-attur sar anke jaf li kien hemm posts fuq il-konvenut fuq facebook fejn apparentement ipprova jigdem lil ħaddieħor ukoll apparti lilu.

Wara diversi attentati mal-konvenut biex jikseb il-vettura BMW kif miftiehem jew inkella jirritornalu l-flus lura, l-attur iffirma żewġ skritturi privati mal-istess konvenut fid-29 t'Ottubru 2012 fejn iddikjara lilu nnifsu bħala debitur ċert u likwidu tal-ammonti in kwistjoni b'totali ta' €22,195 li kellhom jitħallsu sal-15 ta' Novembru 2012 u fin-nuqqas ta' ħlas kellu jibda jiddekorri imgħax ta' 8% sa ma titħallas is-somma totali[8].

L-attur reġa rrepeta l-ammonti li għadda lill-konvenut kif indikati fl-iskritturi privati u ċioe' €5,398 *self brevi* manu u nteressi fuq dan l-ammont bir-rata ta' 6.5% mid-29 ta' Mejju 2012 sad-29 t'Ottubru tas-sena 2012 għall-ammont totali ta' €5,544 kif ukoll is-somma ta' €16,385 rappreżentanti ħlas għax-xiri tal-

[8] Fol 10 et seq

karozza, xi tiswijiet li kellha bżonn u l-ispejjeż tal-importazzjoni li bl-imgħax ta' 6.5% mill-1 t'Awissu 2012 sal-1 ta' Novembru 2012 iwasslu għat-total ta' €16,651.

F'Marzu tas-sena 2013 il-konvenut ħallsu s-somma ta' €5000 u f'Lulju 2013 l-konvenut ħallsu wkoll €1,000. Dan kien l-aħħar ammont li rċieva mingħandu.

Minkejja d-diversi tentattivi li għamel inkluż b'ittri bonarji l-konvenut baqa' ma ħallasx il-bilanċ dovut li jammonta għal €22,644.

**Fix-xhieda tiegħu viva voce** quddiem il-Qorti[9] l-attur żied jgħid li huwa u martu kienu avviċinaw lill-konvenut peress li huwa kien diġa' ġab vetturi oħra mill-Ingilterra u allura kellu ċerta esperjenza, apparti l-fatt li hu kien għamel xi żmien jgħix hemm u kien midħla tal-pajjiż. Fil-fatt kien anke ġabilhom karozza oħra minn hemm mingħajr problemi. Dwar il-vettura BMW, wara li ftiehmu, l-attur beda jtih il-ħlasijiet għaliha fuq diversi perjodi. Waqt li l-konvenut kien qiegħed l-Ingilterra l-attur kien ċempillu u staqsih f'hiex qegħdin u qallu li qabdu t-triq lura u ġejjin lejn Malta. Fil-frattemp waqt li l-konvenut kien għadu l-Ingilterra l-attur kien anke bgħatlu xi flus bħala self peress li l-istess konvenut kien xtaq jixtri vettura għalih innifsu u ma kellux flus biex jagħmel dan. L-attur kien diġa' sellfu flus darbtejn oħra qabel u dejjem kien tahomlu lura.

L-attur kompla jgħid li meta l-konvenut ġie lura Malta qallu li l-vettura kienu żammewha d-dwana għax waqqfuh. Huwa kien ġej b'żewġ karozzi. Lill-attur qallu li waħda miżżewġ karozzi kellha xi dokumenti li ma kinux kif support iżda qallu li dik intiża għall-attur kellha kollox sew. L-attur saħaq li l-konvenut kien wegħdu li l-flus ser itihomlu lura pero' talbu jtih ftit ċans. Kien qallu li kellu ħabib tiegħu li kellu jtih xi flus iżda dan kien il-ħabs. Malli dan joħroġ mill-ħabs xi xahrejn wara skont il-konvenut huwa kellu jtih il-flus u hu jkun jista' jirrifondi kollox lill-attur. Pero' l-flus baqgħu ma waslux u b'hekk kienu

[9] Fol 37 et seq

ltaqgħu u għand avukat u ffirmaw iż-żewġ skritturi privati esibiti in atti f'Ottubru 2012. L-attur żied jgħid li fl-iskritturi kienu ftehmu fuq imgħax ta' 6.5% iżda jekk jgħaddi l-perjodu miftiehem għall-ħlas imbagħad jiġi imgħax ta' 8%. Sa Marzu ta' wara l-konvenut kien għadu ma tah xejn. Imbagħad l-attriċi kienet ċemplet lil martu u l-konvenut kien għaddilhom l-ewwel rifużjoni ta' erbat elef sterlina. Kien tah lura wkoll elf Ewro u qallu li dalwaqt kien ser jibda jaħdem mal-Arriva u kif jissetja naqra u jiġi fuq saqajh jibda jtih circa xi elf Ewro fix-xahar. Iżda reġgħet għaddiet kważi sena oħra u l-konvenut baqa' ma tah xejn aktar. L-attur mar ifittxu fuq il-post tax-xogħol u l-konvenut qallu li ma kienx f'qagħda li jtih xi ħaġa fix-xahar. L-attur wieġbu li jekk l-affarijiet kienu ser jibqgħu hekk kien ser ikollu jressqu l-Qorti. Il-konvenut irrisponda li jekk l-attur kien se jdaħħlu l-Qorti huwa kien ser jgħid li l-vettura BMW kienet misruqa u wissieh li anke l-attur kien ser jibqa' b'xejn allura. L-attur inkwieta għax ma kienx ċert jekk il-konvenut kiex qiegħed jibblafja jew le u peress li huwa kien jaħdem il-Bank beża li jidħol fl-inkwiet u allura ma xtaqx jirriskja.

L-attur żied jgħid li n-negozjati fl-Ingilterra kien għamilhom kollha l-konvenut u lil dan Ron sema' dwaru l-ewwel darba waqt il-kawża.

2. Xehdet l-**attriċi Michelle Grech**[10] li rrakkontat kif ftehmu mal-konvenut sabiex iġibilhom il-vettura BMW mill-Ingilterra u anke tawh €16,651 għal dan il-għan. Hija qalet li l-konvenut pero' baqa' qatt ġab il-vettura miegħu u huma baqgħu b'xejn. Il-konvenut dejjem qalilhom li l-vettura kienet inżammet mid-Dwana tal-Ingilterra. Oltre dan huma kienu sellfu s-somma ta' €5,398 lill-konvenut brevi manu u għalhekk kien iffirma anke skrittura fuq dan f'Ottubru 2012.

[10] Affidavit a fol 45 et seq

L-attriċi qalet li hija kienet regolarment għall-flus u dejjem bi skuża ġdida. Il-konvenut kien qalilhom biex iserrħu rashom li l-flus kien ser iroddhom kollha lura imma kellu bżonn ftit żmien għax kellu jieħu ammont sostanzjali ta' flus mingħand ħaddieħor li kien qiegħed il-ħabs. Iżda l-flus baqgħu ma tfaċċawx. Darba oħra ltaqgħu ġo ristorant Marsaskala u wegħdom li flok il-BMW li kienu ftehmu dwarha kien ser iġibilhom BMW GT. Pero' għal darb'oħra ma tahom ebda vettura.

Meta l-attriċi rat li sa Marzu 2013 l-vettura baqgħet ma waslitx hija ċemplet lil mart il-konvenut titlobha l-flus. Xi jumejn wara il-konvenut kien mar għandhom jiġġieled għax hu ħass li lill-martu ma kellhom jgħidulha b'xejn. Din kienet l-ewwel darba li tahom €5,000. Hi u żewġha baqgħu iċemplulu u darb'oħra kien mar u tahom €1,000 liema pagament sar f'Lulju 2013.

Wara aktar żmien u anke wara ittri li bagħtu bl-avukat huwa reġa wegħdom għall-aħħar darba li ħa jkollu Porsche u li jekk togħġobhom setgħu jieħdu lilha u b'hekk ikun tahom flushom lura. Marru anke jarawha pero' għal darb'oħra l-karozza sparixxiet. Kien wara dan l-avveniment li l-atturi ddeċidew li jipproċedu legalment.

3. Fl-unika seduta li fiha deher quddiem il-Qorti qabel ma ngħata l-awtorizzazzjoni li jressaq risposta ġuramentata, **l-konvenut Francis Saliba** xehed[11] illi s-somma ta' circa €5,500 li huwa ssellef mingħand l-attur kienet sabiex jixtri karozza għalih stess meta jitla' l-Ingilterra. Imbagħad il-flus li l-attur tah għall-vettura BMW huwa tahom lil ċertu Ron li kien dealer tal-vetturi fl-Ingilterra li mingħandu kien diġa' xtara xi 3 vetturi. Huwa nsista li l-attur kien jaf b'dan. Imbagħad il-konvenut beda jmur għand dan Ron u jsaqsih għall-vettura u dan kull darba jgħidlu li dalwaqt tasal sakemm darba mar u ma sabux hemm u meta staqsa lil wieħed li kellu ħanut tat-tyres viċin kien qallu li Ron

[11] Fol 27 et seq

ħarab u kellu ħafna każi ġewwa l-Ingilterra iżda ħadd ma kien jaf fejn hu. Mistoqsi mill-Qorti jekk għandux karti x'juri dwar dan huwa qal li ma kellux għax il-flus kien għaddihom lil Ron peress li kien jafdah. Huwa nforma lill-atturi b'dan kollu xi 4 jew 5 xhur wara. Huwa ċaħad li biddel il-verżjoni mal-atturi dwar ir-raġuni għalfejn il-vettura ma ddaħħlitx f'Malta. Meta ġie ssuġġerit lilu li l-atturi kien qalilhom li l-vettura BMW rriżultat li kienet waħda misruqa u nżammet mid-dwana tal-Ingilterra huwa qal li ma jiftakarx li kien qalilhom hekk. Huwa ma kellux dettalji aktar ta' Ron ħlief li d-dealership li kellu tal-karozzi kien jinsab f'Woking ġewwa l-Ingilterra.

**Ikkunsidrat:**

Irriżulta bl-aktar mod ampju mill-provi li l-atturi kienu vversaw somma flus lill-konvenut biex jixtri għan-nom tagħhom vettura mill-Ingilterra u somma oħra bħala self *brevi manu*.

**Fir-rigward tal-vettura BMW** peress li din baqgħet ma nġibtx f'Malta l-istess konvenut kien aċċetta li jirrifondi lill-atturi s-somma mogħtija lilu għal dan il-għan. Wara li għadda ż-żmien u huwa baqa' ma ħallas lura xejn minn dan l-ammont, fid-29 t'Ottubru 2012 ġiet iffirmata skrittura privata bejnu bħala debitur u bejn l-attur bħala kreditur li tgħid hekk –

*"Permezz tal-preżenti d-debitur qiegħed jikkostitwixxi ruħu bħala debitur ċert u likwidu tal-kreditur fis-somma komplessiva ta' sittax -il elf, sitt mja u wieħed u ħamsin euro (€16,651) kwantu għal sittax -il elf, tliet mija u ħamsa u tmenin Ewro (€16,385) rappreżentanti prezz ta' vettura tal-marka BMW li l-kreditur ħallas lid-debitur sabiex tinġieb mill-Ingilterra għal Malta, liema vettura qatt ma waslet, u kwantu għal mitejn u sitta u sittin Ewro (€266) imgħax bir-rata ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) mill-1 t'Awissu tas-sena 2012 sa l-1 ta' Novembru 2012.*

*Il-kreditur qiegħed jikkonċedi lid-debitur li jħallas din is-somma sal-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena 2012.*

*Fl-eventwalita' illi din is-somma ma titħallasx sal-15 ta' Novembru 2012 jibda jiddekorri imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) sa ma titħallas is-somma kollha."*

**Fir-rigward tas-self *brevi manu*** peress li l-konvenut ukoll baqa' ma ħallas lura xejn minn dan l-ammont, fid-29 t'Ottubru 2012 iffirmata skrittura privata oħra bejnu bħala debitur u bejn l-attur bħala kreditur li tgħid hekk –

*"Permezz tal-preżenti d-debitur qiegħed jikkostitwixxi ruħu bħala debitur ċert u likwidu tal-kreditur fis-somma komplessiva ta' ħamest elef, ħames mija u erbgħa u erbgħin euro (€5,544) kwantu għal ħamest elef, tliet mija u tmienja u disgħin euro (€5,398) rappreżentanti self brevi manu li sar mill-kreditur lid-debitur fid-29 ta' Mejju 2012, u kwantu għal mija u sitta u erbgħin ewro (€146) imgħax bir-rata ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%) mid-29 ta' Mejju tas-sena 2012 sad-29 ta' Ottubru tas-sena 2012.*

*Il-kreditur qiegħed jikkonċedi lid-debitur li jħallas din is-somma sal-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena 2012.*

*Fl-eventwalita' illi din is-somma ma titħallasx sal-15 ta' Novembru 2012 jibda jiddekorri imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) sa ma titħallas is-somma kollha."*

Minn dan isegwi li skont dawn l-iskritturi privati l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-atturi s-somma totali ta' €22,195 inkluż l-imgħax bis-6.5% *purche'* li dan il-ħlas isir sal-15 ta' Novembru 2012. Fin-nuqqas, minn dakinhar il-quddiem l-imgħax jibda jiddekorri bir-rata ta' 8% sakemm jiġi saldat id-debitu.

Irriżulta mill-provi li sal-15 ta' Novembru 2012 ma kien għadu sar ebda pagament mill-konvenut lill-atturi. Iżda f'Marzu 2013, u ċioe' wara l-iskadenza tad-data msemmija, huwa vversa lill-atturi s-somma ta' €5,000 u

sussegwentement f'Lulju 2013 huwa ħallashom €1,000 oħra. Ebda pagament ieħor ma jirrizulta li sar minn naħa tal-konvenut wara din id-data.

Il-Qorti tqis li l-atturi kellhom dritt li minn wara l-15 ta' Novembru 2012 jitolbu l-interessi ta' 8% fuq is-somma dovuta u għajr għas-somma ta' €6,000 li tħallset fil-frattemp, meta wieħed iqis li l-kawża odjerna nfetħet fis-27 ta' Settembru 2017 ċertament li l-imgħax baqa' jakkumula bit-8% u huwa għalhekk li s-somma mitluba bħala bilanċ laħħqet iċ-ċifra totali aħħarija ta' €22,644.

In fine, għalkemm il-konvenut ma ppreżentax risposta ġuramentata formali l-Qorti jidhrilha li għandha tikkummenta dwar il-kontenut tan-Nota tiegħu a fol 25. Filwaqt li dwar il-kalkoli tal-ammont mitlub il-Qorti diġa' tat il-veduta tagħha, jiġi rilevat li fir-rigward tal-bqija –

- Kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut is-self *brevi manu* jikkostitwixxi dejn ċert, likwidu u dovut għax ġie rikonoxxut bħala tali minnu stess fl-iskrittura privata surreferita;

- Il-kawża odjerna hija altru milli proponibbli skont il-liġi stante li dak li qiegħed jintalab huwa bilanċ ta' ħlasijiet dovuti u rikonoxxuti mill-konvenut fi skritturi privati firmati minnu stess;

- L-ewwel ħlas ta' €5,000 ewro li sar mill-konvenut kien jolqot is-somma sħiħa dovuta minnu u mhux biss is-self *brevi manu*. Del resto dan l-ammont, flimkien mal-€1,000 li tħallsu sussegwentement ġew debitament imnaqqsa mill-bilanċ totali dovut u għalhekk l-argument tal-konvenut f'paragrafu 4 tan-Nota ma jreġix;

- Il-konvenut qatt ma ġab prova kredibbli li huwa verament kien għadda lil terzi l-flus mogħtija lilu mill-atturi għall-vettura BMW. Anzi jidher mill-provi li huwa ma kienx konsistenti fil-verżjoni tiegħu dwar x'ġara mill-flus għax filwaqt li lill-atturi kien qalilhom li l-karozza kien xtrahilhom u

l-vettura nżammet mid-dwana l-Ingilterra, quddiem il-Qorti fix-xhieda tiegħu *viva voce* huwa ħareġ b'verżjoni diversa u ċioe' li għadda l-flus lil *dealer* Ingliż bl-isem ta' Ron li mbagħad ħarab mingħajr ma tah il-vettura BMW kif allegatament miftiehem;

- F'kull każ ma kien hemm ebda ħtieġa li jissejjaħ fil-kawża t-terz bl-isem ta' Ron peress li skont l-iskritturi privati tal-2012 kien il-konvenut li ntrabat li jirrifondi l-ħlasijiet lill-atturi u allura huma kellhom kull dritt iduru fuqu biss għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attriċi ġew ben pruvati u jimmeritaw li jiġu akkolti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro (€22,644).**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a karigu tal-istess konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Fiona Gatt**
**Dep. Reġ.**